

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tad-29 ta' Ġunju 2007**

**li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skond ir-riskju tal-BSE**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3114)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

**(2007/453/KE)**

**(ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84)**

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/829/KE tat-30 ta' Ottubru 2008	L 294	14	1.11.2008
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/830/KE tal-11 ta' Novembru 2009	L 295	11	12.11.2009
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/749/UE tat-2 ta' Diċembru 2010	L 318	47	4.12.2010
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/111/UE tal-10 ta' Frar 2012	L 50	49	23.2.2012
► <b><u>M5</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/489/UE tal-24 ta' Awwissu 2012	L 231	13	28.8.2012
► <b><u>M6</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
► <b><u>M7</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/429/UE tad-9 ta' Awwissu 2013	L 217	37	13.8.2013
► <b><u>M8</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/732/UE tal-20 ta' Ottubru 2014	L 302	58	22.10.2014
► <b><u>M9</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1356 tal-4 ta' Awwissu 2015	L 209	5	6.8.2015



## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Ġunju 2007

li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skond ir-riskju tal-BSE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3114)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/453/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstipula regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' l-enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli (TSEs) fl-annimali. Skond l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament huwa japplika għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' annimali haġġin u prodotti li joriġinaw mill-annimali. Għal dan l-għan, l-istatus ta' enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) ta' Stat Membru jew ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom (pajjiżi jew reġjuni) għandu jiġi ddeterminat permezz ta' klassifikazzjoni f'waħda minn tliet kategoriji skond ir-riskju tal-BSE stipulat fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-għan ta' kategorizzazzjoni ta' pajjiżi jew reġjuni skond ir-riskju tagħhom tal-BSE huwa sabiex jiġu stabbiliti regoli tal-kummerċ għal kull kategorija tar-riskju tal-BSE sabiex jingħataw il-garanziji meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa ta' l-annimali u dik tal-pubbliku.
- (3) L-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula r-regoli għal kummerċ intrakomunitarju u l-Anness IX għal dak ir-Regolament jistipula regoli relatati ma' l-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità. Huma bbażati fuq ir-regoli stipulati fil-Kodiċi tas-Saħħa ta' l-Annimali Terrestri ta' l-Organizzazzjoni Mondjali għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE).
- (4) L-OIE għandha rwol ewlieni fil-kategorizzazzjoni ta' pajjiżi jew reġjuni skond ir-riskju tagħhom tal-BSE.
- (5) Matul is-Sessjoni Ġenerali ta' l-OIE f'Mejju ta' l-2007, ġiet adottata Riżoluzzjoni relatata ma' l-istatus tal-BSE ta' pajjiżi differenti. Fl-istennija ta' konklużjoni finali dwar l-istatus tar-riskju tal-BSE ta' l-Istati Membri u filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-miżuri stretti armonizzati protettivi tal-BSE applikati fi ħdan il-Komunità, l-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti bħala pajjiżi b'riskju kontrollat tal-BSE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1923/2006 (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 1).

**▼B**

- (6) Minbarra hekk, fl-istennija tal-konklużjoni finali ta' l-istatus tar-riskju tal-BSE fir-rigward tan-Norveġja u l-Iżlanda u meta jitqiesu r-riżultati tal-verifiki l-aktar riċenti ta' riskju fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi, għandhom provviżorjament jiġu rikonoxxuti bħala pajjiżi b'riskju kontrollat tal-BSE.
- (7) Skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, ittieħdu miżuri tranżizzjonali għal perjodu li jintemm fl-1 ta' Lulju 2007. Dawn il-miżuri għandhom jieqfu japplikaw immedjatament wara d-data ta' adożzjoni ta' deċiżjoni dwar klassifikazzjoni skond l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament. Għalhekk għandha tittieħed deċiżjoni sabiex il-pajjiżi jew ir-reġjuni jiġu kklassifikati skond ir-riskju tagħhom tal-BSE qabel dik id-data.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-istatus tal-BSE ta' pajjiżi jew reġjuni skond ir-riskju tagħhom tal-BSE huwa stipulat fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2007.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ **M9**

## ANNEX

## LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI

## A. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju neglígibbli ta' BSE

*Stati Membri*

- Il-Belġju
- Il-Bulgarija
- Ir-Repubblika Ċeka
- Id-Danimarka
- L-Estonja
- Franza
- Il-Kroazja
- L-Italja
- Ċipru
- Il-Latvja
- Il-Lussemburgu
- L-Ungerija
- Malta
- In-Netherlands
- L-Awstrija
- Il-Portugall
- Is-Slovenja
- Is-Slovakkja
- Il-Finlandja
- L-Iżvezja

*Pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles*

- L-Iżlanda
- Il-Liechtenstein
- In-Norveġja
- L-Iżvizzera

*Pajjiżi terzi*

- L-Arġentina
- L-Awstralja
- Il-Brażil
- Iċ-Ċili
- Il-Kolombja
- L-Indja
- Iżrael
- Il-Ġappun
- In-New Zealand
- Il-Panama
- Il-Paragwaj
- Il-Perù

▼ **M9**

- Singapor
- L-Istati Uniti
- L-Urugwaj

**B. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju kkontrollat ta' BSE**

*Stati Membri*

- Il-Ġermanja
- L-Irlanda
- Il-Greċja
- Spanja
- Il-Litwanja
- Il-Polonja
- Ir-Rumanija
- Ir-Renju Unit

*Pajjiżi terzi*

- Il-Kanada
- Il-Costa Rica
- Il-Messiku
- In-Nikaragwa
- Il-Korea t'Isfel
- It-Tajwan

**C. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju mhux determinat ta' BSE**

- Il-pajjiżi jew ir-reġjuni li mhumiex elenkati fil-punti A jew B.